MALTA RESOURCES AUTHORITY

**Stqarrija għall-istampa u x-xandir**

Wara diskussjonijiet li baqgħu għaddejjin sa tard illejla bejn l-Awtorita' ta' Malta dwar ir-Rizorsi u l-Liquigas Malta Ltd u li ntemmu ftit tal-ħin ilu, il-prezz ta' ċilindru tal-gass ta' 12-il kilo se jkun ta' €1.21 inqas mil-prezz massimu kaklulat fuq il-metodoloġija stabillita skont il-LPG and Propane Price Mechanism ippublikat f'Ġunju 2010.

Dawn id-diskussjonijiet wasslu biex il-prezz taċ-ċilindri tal-gass ta' 12-il kilo (b'effett minn għada) jkun ta' €18 flok €19.21

B'hekk, minhabba ż-żieda fil-prezz internazzjonali tal-Liquified Petrolunm Gas, il-prezz taċ-ċilindri tal-gass tal-operatur Liquigas Malta Ltd ser ikun kif ġej.

| Daqs taċ-ċilindru | Il-Prezzijiet kif kienu f'Jannar | Prezz Ġdid Frar 2012 |
|---|---|---|
| 10kg | €13.80 | €15.20 |
| 12kg | €16.50 | €18.00 |
| 15kg | €20.70 | €22.00 |
| 25kg | €30.00 | €30.50 |

Din iż-żieda fil-prezz tirrifletti ż-żidied kbar li kien hemm fil-prezz internazzjonali tal-Liquified Petroleum Gas, speċjalment il-Butane u l-Propane. Fil-fatt, il-prezz internazzjonali tal LPG żdied b'medja ta 12% f'temp ta' xahar

Il-prezz taċ-ċilindri tal-LPG f'Malta huma irħas minn dawk li nsibu fl-Italia:

| Daqs taċ-ċilindru | Novara | Alessandria | Sondrio | Liquigas Sud |
|---|---|---|---|---|
| 10kg | €22.78 | €26.72 | €28.81 | €28.62 |
| 12kg | | | | €34.35 |
| 15kg | €34.01 | €40.22 | €41.22 | €42.93 |

Id-distributuri huma obbligati li jkollhom b'mod ċar il-prezzijiet taċ-ċilindri tal-gass.

31 ta' Jannar 2012

MRA/PR2/2012

*Malta Resources Authority, Millennia, Aldo Moro Road, Marsa MRS 9065, Malta.*
*Tel: +356 22955000; Fax: +356 22955200 E-mail: enquiry@mra.org.mt; www.mra.org.mt*